



Bord ta' Amministrazzjoni

# BAGĦIT EMENDATORJU 1/2014

CT/CA-026/2014MT

## KONTENUT

### I. INTRODUEZZJONI

- A. Introduzzjoni ġenerali
- B. Prezzijiet 2014
- C. Dħul
- D. Infiq

### II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – FARSJA ĠENERALI

### III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL GĦALL-2014

### IV. DIKJARAZZJONI GĦALL-INFIQ GĦALL-2014

### ANNES 1 – TABELLA TAL-PERSUNAL

## I. INTRODUZZJONI

### A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni fassal dan il-baġit emendatorju 1/2014 skont l-Artikolu 34 tar-Regolament Finanzjarju tiegħu tat-2 ta' Jannar 2014, għar-raġunijiet li ġejjin:

- F'konformità mal-opinjoni tal-Kummissjoni u l-Parlament, kif ukoll il-Qorti tal-Awdituri, iċ-Ċentru ħa miżuri biex inaqqas l-eċċess akkumulat tiegħu. Bħala miżura ta' eċċezzjoni, iċ-Ċentru se jnaqqas il-prezzijiet għal xi wħud mis-servizzi tiegħu matul is-sena attwali.
- Sabiex ikompli jtejjeb u jiffaċilita l-proċess tat-traduzzjoni, u biex jippermetti l-ġestjoni ta' volumi kbar ta' traduzzjoni b'numru limitat ta' persunal, iċ-Ċentru se jinvesti fil-ħolqien ta' memorji tat-traduzzjoni ġodda u ta' kwalità għolja.
- Id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-aġġustamenti tas-salarji għall-2011 u l-2012 irriżultaw f'żieda ta' 0.8% fl-2012. Iċ-Ċentru kien kapaċi jkopri l-ħlas retroattiv ta' dan l-aġġustament mit-Titolu 1 tal-baġit ordinarju, u b'hekk, il-fond ta' riżerva għall-aġġustament tas-salarji ġie kkanċellat.
- L-eċċess tal-baġit mis-sena preċedenti ġie introdott f'dan il-baġit.

L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'EUR.

### B. PREZZIJET 2014

Il-baġit inizjali għall-2014, approvat f'Ottubru 2013, kien jinkludi prezzijiet iktar baxxi għat-traduzzjoni ta' dokumenti, marki kummerċjali u listi ta' termini, kif ukoll l-editjar. Għall-ewwel darba sa mill-ħolqien tiegħu, il-prezzijiet għal xi wħud mis-servizzi taċ-Ċentru se jitnaqqsu matul l-andament tas-sena. B'effett mill-1 ta' Lulju, il-prezzijiet għat-traduzzjoni ta' dokumenti u l-modifika ta' dokumenti se jitnaqqsu b'4.3% u 4.4% rispettivament. Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fil-prezz għat-traduzzjoni ta' marki kummerċjali se jiġi applikat għat-traduzzjonijiet kollha mitluba matul l-2014. Dan huwa minħabba li l-prezz ta' unità finali huwa determinat mill-volum finali ta' paġni ta' marki kummerċjali tradotti matul is-sena. Skont il-volum finali, it-tnaqqis fil-prezz x'aktarx se jkun bejn 3.5% u 4.1%.

Abbażi tal-previżjonijiet mill-klijenti, kif inkluż fil-baġit inizjali, din il-miżura ta' eċċezzjoni hija mistennija li tirriżulta fi tnaqqis ta' madwar EUR 1.10 miljun fi dħul.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-prezzijiet applikabbli fl-2014, bil-prezzijiet il-ġodda miktubin bil-korsiv.

Servizz ipprovdut	Normali (EUR)	Skedati/Bil-mod (EUR)	Urġenti (EUR)	Urġenti ħafna (EUR)
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna <i>mill-1 ta' Lulju 2014</i> )	88.00	79.20	110.00	158.40
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna <i>sat-30 ta' Ġunju 2014</i> )	92.00	82.80	115.00	165.60
Modifika (prezz għal kull paġna <i>mill-1 ta' Lulju 2014</i> )	172.00	154.80	215.00	
Modifika (prezz għal kull paġna <i>sat-30 ta' Ġunju 2014</i> )	180.00	162.00	225.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	60.00	54.00	75.00	
Editjar (prezz għal kull paġna)	45.00	40.50	56.25	
Marki kummerċjali (prezz għal kull paġna)	<i>EUR 38.66 għal 396,066 paġna (arranġament bilaterali)</i>			
Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu)	EUR 4.00			
Listi ta' termini (prezz għal kull terminu)	EUR 4.00			
Reviżjoni ta' listi ta' termini (prezz għal kull terminu)	EUR 2.50			
Konsultazzjoni lingwistika, terminoloġija	EUR 900 għal kull persuna kuljum			
Verifika tal-kwalità <i>ex-post</i> għat-traduzzjoni tal-marki kummerċjali	EUR 900 għal kull persuna kuljum (50% tal-ispejjeż totali, arranġament bilaterali)			

#### Żidiet fit-tariffi

Tip ta' dokument	Spiża addizzjoni għal kull paġna, f'EUR
Format kumpless	15.00
Kunfidenzjali	20.00
Lingwa mhux tal-UE	10.00

#### C. DĦUL

Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru, is-somma li tikkorrispondi għall-eċċess tal-baġit mis-sena preċedenti, jiġifieri EUR 7.13-il miljun, iddaħħlet bħala dħul għall-2014 fil-Partita 5000 ('Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti'). Barra minn hekk, l-effett tal-prezzijiet imnaqqsin, EUR 1.10 miljun inqas dħul, ġie inkluż f'din il-partita wkoll, b'hekk l-ammont total jkun ta'

EUR 6.03 miljuni. Hemm żewġ raġunijiet għal dan. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ma jistax jagħmel stima bi preċiżjoni suffiċjenti dwar kif il-klijenti tiegħu se jirreaġixxu għall-bidliet fil-prezzijiet u għaldaqstant ma jistax jinkludi l-effett fil-partiti tal-baġit għal klijenti individwali. It-tieni nett, mhuwiex possibbli li l-effett jiġi inkluż f'partita unika tal-baġit, peress li dan jirriżulta fi dħul negattiv, ipprojbti fir-Regolament Finanzjarju.

Id-deċiżjoni mill-Parlament u l-Kunsill dwar l-aġġustamenti miġġielda fis-salarji għas-snin 2011 u 2012 irriżultat fil-kanċellazzjoni tal-fond ta' riżerva li iċ-Ċentru kien stabbilixxa biex ikopri kwalunkwe aġġustament possibbli. Il-ħlas retroattiv, li sar f'Mejju 2014, kien kopert mill-baġit ordinarju fit-Titolu 1. Il-kanċellazzjoni tal-fond ta' riżerva li kien inħoloq qabel l-2014 biex ikopri l-effett fuq is-salarji għas-snin 2011-2013, EUR 1.48 miljun, huwa muri fil-Partita 5017 ġdida, 'Trasferiment mill-"Fond ta' riżerva għaż-żieda miġġielda fis-salarji"'. Il-kanċellazzjoni żżid id-dħul tal-baġit fl-2014.

Fl-aħħar nett, it-trasferiment inizjali fi dħul ta' EUR 4.11-il miljun mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' għall-Partita 5015 ('Trasferiment mill-"Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet"'), treġġa' lura, peress li m'għadux aktar meħtieġ li l-fond ta' riżerva jintuża biex jibbilanċja l-baġit. Għaldaqstant il-bidla totali fid-dħul taċ-Ċentru hija żieda ta' EUR 3.41 miljun.

#### D. INFIQ

Iċ-Ċentru għandu ammont ta' xogħol regolari, u sa ċertu punt, dejjem jiżdied fil-qasam tat-traduzzjoni ta' dokumenti. Meta jitqies in-numru limitat ta' persunal disponibbli, iċ-Ċentru qed jistinka biex ikompli jissimplifika u jtejjeb l-effiċjenza tal-proċess tiegħu tat-traduzzjoni. Bħala miżura waħda għall-kisba ta' din il-mira, fl-2014 se jiġi implimentat proġett bil-għan li jottimizza l-użu tat-teknoloġija tal-memorja tat-traduzzjoni fil-kuntest tal-migrazzjoni taċ-Ċentru għal għodda ġdida tat-traduzzjoni assistita mill-kompjuter (SDL Studio). Il-proġett għandu l-għan li joħloq bażijiet tad-dejta tal-memorja tat-traduzzjoni ta' kwalità għolja għal numru ta' kombinazzjonijiet ta' lingwi. L-integrazzjoni sistematika ta' dawn il-bażijiet tad-dejta fil-fluss tax-xogħol se tippermetti t-titjib tal-kwalità ġenerali, iż-żieda tal-effiċjenza u t-tnaqqis tal-ispejjeż.

Il-proġett se jitwettagħ prinċipalment minn fornitur estern. L-infiq mistenni fil-baġit għall-2014 huwa EUR 720 000, li minnhom EUR 600 000 ġew inklużi fil-Partita 2255 ġdida ('Dokumentazzjoni, traduzzjoni u għodod multilingwi'). L-EUR 120 000 li jibqas huma għall-appoġġ tekniku estern biex jiġi rinforzat it-tim tal-proġett li għandu l-kompitu biex jimplementa l-SDL Studio fiċ-Ċentru. Dan l-investiment huwa mistenni li jħaffef il-proġett u jiżgura l-integrazzjoni mingħajr xkiel tal-għodda fil-fluss tax-xogħol taċ-Ċentru. L-infiq huwa inkluż fil-partita għas-servizzi ta' konsulenza tal-IT, il-Partita 2120.

Il-baġit inizjali għall-2014 inkluda żieda fil-fond ta' riżerva għall-aġġustamenti miġġielda fis-salarji tal-2011 u l-2012 ta' EUR 770 000. Dan l-ammont kien stmat li jkopri l-effett ta' kwalunkwe aġġustament possibbli fuq il-ħlasijiet tas-salarji għall-2014. Peress li l-baġit ordinarju taċ-Ċentru fit-Titolu 1 kien suffiċjenti biex ikopri l-ħlasijiet retroattivi li jirriżultaw mid-deċiżjoni finali, dan il-fond ta' riżerva ġie kkanċellat. Għaldaqstant l-ammont inkluż fil-Partita 10005 ('Fond ta' riżerva għaż-żieda miġġielda fis-salarji') inbidel għal zero fil-baġit emendatorju.

Saru tliet trasferimenti matul is-sena u huma inklużi f'dan il-baġit emendatorju. Ammont totali ta' EUR 36 000 ġie ttrasferit mill-Partita 2000 ('Kera') għall-Partita 2040 ('Arredament tal-post'), bl-għan prinċipali jkun it-titjib tal-protezzjoni insuffiċjenti mix-xemx f'dawk l-uffiċċji li huma esposti għax-xemx matul il-jum sħiħ ta' ħidma u EUR 2 000 ġew ittrasferiti mill-Partita 1100 ('Salarji bażiċi') għall-Partita 1190 ('Reviżjonijiet tas-salarji').

B'segwitu tal-bidliet ta' hawn fuq fid-dħul u l-infiq, ġie inkluż ammont ta' EUR 3.46 miljun fil-Partita 10003 ('Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet'). L-ammont totali f'dan il-fond ta' riżerva huwa EUR 12.17 miljun.

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – HARSJA ĠENERALI

Intestatura	Ammont ġdid 2014	Baġit emendatorju 1/2014	Baġit 2014
<b>DĦUL</b>			
PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI U MILL-KORPI	39 757 500	0	39 757 500
SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	0	0	0
KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	3 138 400	0	3 138 400
DĦUL IEĦOR	363 250	0	363 250
EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	8 450 950	3 407 300	5 043 650
RIFUŻJONIJIET	0	0	0
<b>TOTAL</b>	<b>51 710 100</b>	<b>3 407 300</b>	<b>48 302 800</b>
<b>INFIQ</b>			
PERSUNAL	25 243 200	0	25 243 200
BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU	6 657 600	720 000	5 937 600
INFIQ OPERATTIV	16 345 000	0	16 345 000
FONDI TA' RIŻERVA	3 464 300	2 687 300	777 000
<b>TOTAL</b>	<b>51 710 100</b>	<b>3 407 300</b>	<b>48 302 800</b>

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL 2014					
Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2014	Baġit emendatorju 1/2014	Baġit 2014	Rimarki
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI				
	<b>Titolu 1 - Total</b>	<b>39 757 500</b>		<b>39 757 500</b>	
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI				
	<b>Titolu 2 - Total</b>	<b>p.m.</b>		<b>p.m.</b>	
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI				
	<b>Titolu 3 - Total</b>	<b>3 138 400</b>		<b>3 138 400</b>	
4	DĦUL IEĦOR				
	<b>Titolu 4 - Total</b>	<b>363 250</b>		<b>363 250</b>	
5	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI				
5 0	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI				
5 0 0	<i>Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti</i>				
5 0 0 0	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	6 033 450	6 033 450	p.m.	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-22 ta' Diċembru 2003. L-ammonti jinkludi l-eċċess mill-2013, u l-impatt stmat tat-tnaqqis tal-prezzijiet, EUR -1.10 miljun.
	<i>Artikolu 5 0 0 - Total</i>	<b>6 033 450</b>	<b>6 033 450</b>	<b>p.m.</b>	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2014	Baġit emendatorju 1/2014	Baġit 2014	Rimarki
5 0 1	<b>Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti</b>				
5 0 1 0	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni'	937 000	0	937 000	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni' fl-2014 jikkorrispondi għall-ispejjeż fil-Kapitolu 32, 'Infiq relatat mal-programm CdT elettroniku'.
5 0 1 5	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet'	p.m.	-4 106 650	4 106 650	M'għadux aktar meħtieġ li jiġu trasferiti riżorsi mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet'.
5 0 1 6	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni'	p.m.	0	p.m.	Il-'Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni', maħluq fit-tieni baġit emendatorju 2012 biex ikopri l-ispejjeż relatati mar-rilokazzjoni taċ-Ċentru fl-2013, għe kkonstatat fl-2013.
5 0 1 7	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għaż-żieda miġġielda fis-salarji'	1 480 500	1 480 500		Din il-partita ġdida tal-baġit inħolqot biex tinkludi t-trasferiment mill-"Fond ta' riżerva għaż-żieda miġġielda fis-salarji" fl-2014. L-ammont jikkorrispondi għall-fond ta' riżerva mwarrab fil-kontijiet għall-effett tal-aġġustamenti miġġielda fis-salarji fuq is-salarji tas-snin 2011-2013. Il-fond ta' riżerva ma kellux bżonn jintuża għall-flas retroattiv tal-aġġustament, u issa għe kkanċellat għal kollox. L-ammont jikkontribwixxi għad-dħul tal-baġit taċ-Ċentru fl-2014.
	<i>Artikolu 5 0 1 – Total</i>	2 417 500	-2 626 150	5 043 650	
	<b>KAPITOLU 5 0 - TOTAL</b>	<b>8 450 950</b>	<b>3 407 300</b>	<b>5 043 650</b>	
	<b>Titolu 5 - Total</b>	<b>8 450 950</b>	<b>3 407 300</b>	<b>5 043 650</b>	
6	<b>RIFUŻJONIJIET</b>				
	<b>Titolu 6 - Total</b>	<b>p.m.</b>	<b>0</b>	<b>p.m.</b>	
	<b>TOTAL GLOBALI</b>	<b>51 710 100</b>	<b>3 407 300</b>	<b>48 302 800</b>	

## IV. DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ 2014

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2014	Baġit emendatorju 1/2014	Baġit 2014	Rimarki
1	<b>PERSUNAL</b>				
11	<b>PERSUNAL B'IMPJIEG ATTIV</b>				
110	<i>Persunal b'impjeg attiv</i>				
1 1 0 0	Salarji bażiċi	14 611 900	-2 000	14 613 900	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju. Sar trasferiment għall-Partita 1190 'Reviżjonijiet tas-salarji'.
	<i>Artikolu 110 - Total</i>	18 335 000	-2 000	18 337 000	
119	<i>Reviżjonijiet tas-salarji u aġġustamenti tar-rimunerazzjoni</i>				
1 1 9 0	Reviżjonijiet tas-salarji	2 500	2 000	500	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 64 u 65 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża tar-reviżjonijiet applikati għar-rimunerazzjoni tal-uffiċjali u l-persunal temporanju, u għall-flasijiet tas-sahra. Sar trasferiment mill-Partita 1100 'Salarji bażiċi' biex ikopri ż-żieda fl-infiq wara l-aġġustament tal-2012.
	<i>Artikolu 119 - Total</i>	2 500	2 000	500	
	<b>KAPITOLU 11 - TOTAL</b>	24 762 300	0	24 762 300	
	<b>Titolu 1 - Total</b>	25 243 200	0	25 243 200	
2	<b>BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU</b>				
20	<b>INVESTIMENT FIL-PROPRJETÀ IMMOBBLI, KIRI TA' BINI U SPEJJEŻ ASSOĊJATI</b>				



Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2014	Baġit emendatorju 1/2014	Baġit 2014	Rimarki
200	<b>Investiment fil-proprjetà immobbli, kiri ta' bini u spejjeż assoċjati</b>				
2 0 0 0	Kiri ta' bini u spejjeż assoċjati	1 824 000	-36 000	1 860 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' kirijiet ta' bini jew partijiet ta' bini u l-isparzi għall-parkeġġ użati miċ-Ċentru. Saru żewġ trasferiment għall-Partita 2040 'Arredament tal-post'.
	<i>Artikolu 200 - Total</i>	1 824 000	-36 000	1 860 000	
204	<b>Arredament tal-post</b>				
2 0 4 0	Arredament tal-post	76 000	36 000	40 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-arredament tal-post u t-tiswijiet tal-bini. Saru trasferimenti mill-Partita 2000 'Kera'.
	<i>Artikolu 204 - Total</i>	76 000	36 000	40 000	
	<b>KAPITOLU 20 - TOTAL</b>	<b>2 549 100</b>	<b>0</b>	<b>2 549 100</b>	
21	<b>IPPROĊESSAR TAD-DEJTA</b>				
212					
2 1 2 0	Servizzi esterni għall-operat, l-implimentazzjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sofwer u s-sistemi	1 280 000	120 000	1 160 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-persunal operattiv estern (operaturi, amministraturi, inġiniera tas-sistemi, eċċ.). Iż-żieda ta' EUR 120 000 hija biex tiġi integrata l-għodda ġdida CAT fil-fluss tax-xogħol tat-traduzzjoni.
	<i>Artikolu 212 - Total</i>	1 280 000	120 000	1 160 000	
	<b>KAPITOLU 21 - TOTAL</b>	<b>2 720 000</b>	<b>120 000</b>	<b>2 600 000</b>	
22	<b>PROPRJETÀ IMMOBBLI U SPEJJEŻ ASSOĊJATI</b>				
225	<b>Spejjeż tad-dokumentazzjoni u l-librerija</b>				

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2014	Baġit emendatorju 1/2014	Baġit 2014	Rimarki
2 2 5 5	Dokumentazzjoni, traduzzjoni u għodod multilingwi	600 000	600 000		Din il-partita ġdida tal-baġit hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tad-dokumentazzjoni, it-traduzzjoni u l-għodod multilingwi, bħall-akkwist, il-konsolidazzjoni u l-estensjoni tal-kontenuti tal-bażijiet tad-dejta lingwistiċi u tat-terminoloġija, il-memorji tat-traduzzjoni u d-dizzjunarji awtomatiċi tat-traduzzjoni. L-ammont fl-2014 huwa għall-ħolqien ta' bażijiet tad-dejta tal-memorja tat-traduzzjoni li huma affidabbli u ta' kwalità għolja.
	<i>Artikolu 225 - Total</i>	622 000	600 000	22 000	
	<b>KAPITOLU 22 - TOTAL</b>	<b>710 500</b>	<b>600 000</b>	<b>110 500</b>	
	<b>Titolu 2 - Total</b>	<b>6 657 600</b>	<b>720 000</b>	<b>5 937 600</b>	
<b>3</b>	<b>INFIQ OPERATTIV</b>				
	<b>Titolu 3 - Total</b>	<b>16 345 000</b>	<b>0</b>	<b>16 345 000</b>	
<b>10</b>	<b>FONDI TA' RIŻERVA</b>				
<b>100</b>	<b>APPROPRJAZZJONIJET PROVIŻORJI</b>				
<b>1000</b>	<b>Appropriazzjonijiet proviżorji</b>				
1 0 0 0 3	Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet	3 464 300	3 464 300	p.m.	Fond ta' riżerva maħluq fl-2011 għall-istabbiltà tal-prezzijiet. L-ammont totali tal-fond ta' riżerva huwa EUR 12 169 441.
1 0 0 0 4	Fond ta' riżerva għall-fond permanenti ta' prefinanzjament	p.m.	0	p.m.	Il-fond ta' riżerva biex joħloq il-fond permanenti ta' prefinanzjament previst fl-Artikolu 67a tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru. L-Artikolu 58(2) tar-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju jiddikjara li l-ammont ta' dan il-fond ma jistax ikun anqas minn erbgħa minn tnaħ tal-appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja. L-ammont totali tal-fond ta' riżerva huwa EUR 16,529,466.
1 0 0 0 5	Fond ta' riżerva għaż-żieda miġġielda fis-salarji	p.m.	-777 000	777 000	B'segwitu tad-deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Parlament dwar l-aġġustamenti miġġielda fis-salarji għall-2011 u l-2012, mhuwiex meħtieġ li jitwarrab fond ta' riżerva għall-effett fuq is-salarji tas-sena 2014. Il-fond ta' riżerva kollu ġie kkanċellat f'dan il-baġit, ara wkoll il-partita 5017 tad-dħul.

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2014	Baġit emendatorju 1/2014	Baġit 2014	Rimarki
1 0 0 0 6	Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni	p.m.	0	p.m.	L-ebda approprjazzjoni ma twarrbet għall-2014 biex tkopri investimenti ta' eċċezzjoni. L-ammont totali tal-fond ta' riżerva huwa EUR 2,993,258.
1 0 0 0 7	Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni	p.m.	0	p.m.	Dan il-fond ta' riżerva nħoloq fl-2012 biex ikopri l-ispejjeż relatati mir-rilokazzjoni taċ-Ċentru fl-2013. I-fond ta' riżerva ġie kkonsmat għal kollox fl-2013.
	<i>Artikolu 1000 - Total</i>	3 464 300	2 687 300	777 000	
	<b>KAPITOLU 100 - TOTAL</b>	<b>3 464 300</b>	<b>2 687 300</b>	<b>777 000</b>	
	<b>Titolu 10 - Total</b>	<b>3 464 300</b>	<b>2 687 300</b>	<b>777 000</b>	
	<b>TOTAL GLOBALI</b>	<b>51 710 100</b>	<b>3 407 300</b>	<b>48 302 800</b>	